



IL-KOPERTURA TAS-SIGURTÀ SOĊJALI FI STATI MEMBRI OĦRA TAL-UE

Il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-UE. FI-2010 twettqet riforma fundamentali tal-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam u ġiet issupplementata b'atti legali ulterjuri li tejbju l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema mobbli. FI-2016, il-Kummissjoni inkludiet proposti fil-Pakkett dwar il-Mobbiltà tal-ħaddiema biex tkompli tirriforma s-sistema u tadattaha għar-realtajiet ekonomiċi u soċjali moderni fl-UE.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 48 u 352 [tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea \(TFUE\)](#).

L-OBJETTIVI

Il-prinċipju bażiku minqax fit-Trattat ta' Ruma huwa t-tneħħija tal-ostakli għall-moviment liberu tal-persuni bejn l-Istati Membri (2.1.5). Biex jintlaħaq dan, il-miżuri tas-sigurtà soċjali jridu jiżguraw li ċ-ċittadini tal-UE li jaħdmu u jirrisjedu fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tagħhom ma jitilfux uħud mid-drittijiet jew saħansitra d-drittijiet kollha tas-sigurtà soċjali tagħhom.

IL-KISBIET

FI-1958, il-Kunsill adotta żewġ regolamenti dwar is-sigurtà soċjali għall-ħaddiema migranti, li sussegwentement ġew issuperati [bir-Regolament \(KEE\) Nru 1408/71](#). Iċ-ċittadini tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein u tan-Norveġja wkoll huma koperti, permezz tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), filwaqt li dawk tal-Iżvizzera huma koperti permezz tal-Ftehim UE-Żvizzera. FI-2004, [ir-Regolament \(KE\) Nru 883/2004](#) (ir-Regolament dwar il-koordinazzjoni) ħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71, għalkemm dan tal-aħħar għad għandu effetti fuq ċerti ftehimiet u atti Komunitarji li l-UE għadha parti għalihom. FI-2010 twettqet riforma ewlenija tas-sistema meta ġie adottat "il-pakkett dwar il-koordinazzjoni modernizzata" — [ir-Regolament \(KE\) Nru 988/2009](#) u [r-Regolament ta' implimentazzjoni \(KE\) Nru 987/2009](#).

A. L-erba' prinċipji ewlenin.

Kull Stat Membru huwa liberu li jfassal is-sistema tas-sigurtà soċjali tiegħu b'mod indipendenti. Ir-regolament dwar il-koordinazzjoni jiddetermina taħt liema sistema nazzjonali huwa assigurat ċittadin tal-UE meta jkunu involuti żewġ pajjiżi jew aktar. B'mod ġenerali, il-kopertura tas-sigurtà soċjali tiġi pprovduta mill-pajjiż tal-impjeg jew,



fin-nuqqas ta' impjeg, mill-pajjiż ta' residenza. Ir-Regolament jiddependi fuq erba' prinċipji ewlenin:

1. It-trattament ugwali (l-Artikoli 4, 5)

Il-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom minn Stati Membri oħra għandhom l-istess drittijiet u obbligi bħaċ-ċittadini proprji tal-istat ospitanti. Id-dritt għal trattament ugwali japplika inkondizzjonalment għal kwalunkwe ħaddiem jew persuna li taħdem għal rasha minn Stat Membru ieħor b'residenza fl-istat ospitanti għal ċertu perjodu ta' żmien. Barra minn hekk, jekk fi Stat Membru jkunu attribwiti effetti ġuridiċi għal ċerti sitwazzjonijiet (eż. żwieġ) jew avvenimenti (eż. meta jseħħ inċident) jew b'rabta mar-riċeviment ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali (eż. il-persuni li jibbenefikaw minn benefiċċji tal-qgħad huma wkoll intitolati għal eżenzjoni mit-taxxa), dak l-Istat Membru għandu jieħu kont ta' tali fatti jew avvenimenti, jew ir-riċeviment ta' benefiċċji ekwivalenti, li jseħħu fi Stat Membru ieħor.

2. L-aggregazzjoni (l-Artikolu 6)

Dan il-prinċipju jggarantixxi li l-perjodi preċedenti ta' assigurazzjoni, xogħol jew residenza f'pajjiżi oħrajn jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tal-benefiċċji. Jekk, pereżempju, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tirrikjedi li ħaddiem ikun assigurat jew impjegat għal ċertu perjodu ta' żmien qabel ma jkun intitolat għal ċerti benefiċċji, il-prinċipju tal-aggregazzjoni jfisser li l-Istat Membru kompetenti għandu jikkunsidra l-perjodi ta' assigurazzjoni u impjeg ikkompletati fi Stat Membru ieħor.

3. Il-prinċipju ta' liġi unika applikabbli (l-Artikoli 10, 11(1))

Dan il-prinċipju jwaqqaf lil kwalunkwe persuna milli tiegħu vantaġġ indebitu mid-dritt għall-moviment liberu. Kull benefiċjarju huwa kopert bil-leġiżlazzjoni ta' pajjiż wieħed biss u jħallas il-kontribuzzjonijiet f'dak il-pajjiż biss.

4. L-esportabbiltà (l-Artikolu 7)

Dan il-prinċipju jfisser li l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali jistgħu jingħataw fl-Unjoni kollha, u jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jirriżervaw il-ħlas għall-persuni residenti fil-pajjiż. Madankollu, dan ma japplikax għall-benefiċċji kollha tas-sigurtà soċjali; hemm regoli speċjali, pereżempju, li japplikaw għall-benefiċċji tal-qgħad.

B. Il-persuni koperti

Oriġinarjament, [ir-Regolament \(KEE\) Nru 1408/71](#) kien ikopri biss lill-ħaddiema, iżda fl-1982, il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ġie estiż biex ikopri lill-persuni li jaħdmu għal rashom. Dan kopra wkoll lill-membri tal-familja tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom u lid-dipendenti tagħhom, kif ukoll lill-persuni apolidi u r-refuġjati. Il-kamp ta' applikazzjoni ġie estiż progressivament: fl-1998 biex il-ħaddiema taċ-ċivil jitqiegħdu fuq l-istess livell mal-bqija tal-popolazzjoni fir-rigward tad-drittijiet statutorji ġenerali tal-pensjoni, fl-1999 biex jiġu inklużi l-persuni assigurati kollha, partikolarment l-istudenti u l-persuni li m'għandhomx impjeg bi ħlas, u fl-2003 biex jiġu koperti ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-UE.

L-att legali l-iktar reċenti, [ir-Regolament \(UE\) Nru 1231/2010](#), estenda l-kopertura kemm għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-UE u f'sitwazzjoni transkonfinali kif ukoll għall-membri tal-familja u s-superstiti tagħhom jekk ikunu fl-UE.



Il-ħaddiema transkonfinali, li huma impjegati jew jaħdmu għal rashom fi Stat Membru u jirrisjedu fi Stat Membru ieħor li jirritornaw fih kuljum jew mill-inqas darba fil-ġimgħa, ukoll huma koperti.

Il-ħaddiema stazzjonati huma każ eċċezzjonali minħabba li jintbagħtu fuq inkarigu temporanju u jibqgħu assigurati għas-sigurtà soċjali fl-Istat Membru domiċiljari tagħhom għal perjodu massimu ta' 24 xahar. Il-benefiċċji tal-kura tas-saħħa in natura biss jistgħu jingħataw fl-Istat Membru ta' residenza.

C. Il-benefiċċji koperti

L-Artikolu 3 [tar-Regolament \(KE\) Nru 883/2004](#) jelenka l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali koperti:

- Benefiċċji marbutin mal-mard, benefiċċji ta' maternità u benefiċċji ekwivalenti ta' paternità, iżda mhux l-assistenza medika u l-assistenza soċjali skont test tal-mezzi, peress li dawn ma jiddependux fuq kontribuzzjonijiet preċedenti għas-sistema tas-sigurtà soċjali;
- Benefiċċji marbutin mal-età, għas-superstiti u ta' invalidità;
- Benefiċċji marbutin ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol;
- Għotjiet marbutin ma' mewt;
- Benefiċċji ta' qabel l-irtirar, benefiċċji tal-qgħad, benefiċċji marbuta mal-familja;
- Benefiċċji speċjali mhux kontributorji u li jingħataw fi flus li mhumiex esportabbli.

D. L-immodernizzar tas-sistema

Mill-1971, il-leġiżlazzjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali ġiet emendata diversi drabi biex jitqiesu l-iżviluppi fil-livell tal-UE, it-tidbil tal-leġiżlazzjoni fil-livell nazzjonali u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE).

1. Lejn koordinazzjoni aħjar tas-sistemi tas-sigurtà soċjali

Is-sistema mmodernizzata ta' koordinazzjoni introduċiet il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li permezz tagħha l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri obbligati jikkooperaw ma' xulxin u jipprovdu assistenza reċiproka. Din ipprevediet sistema ta' skambju ta' data bejn l-istituzzjonijiet nazzjonali. Is-sistema ċentrali ta' Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) saret disponibbli mill-Kummissjoni f'Lulju 2017 u l-Istati Membri għandhom sentejn biex jimplimentawha fil-livell nazzjonali.

Barra minn hekk:

- aġġornat ir-regoli b'konformità mal-prattika soċjali attwali (eż. il-kunsiderazzjoni tal-perjodi ta' trobbija tat-tfal);
- tejbet il-protezzjoni tad-drittijiet (eż. informazzjoni u assistenza mtejbja għaċ-ċittadini u proċeduri ġodda ta' djalogu u konċiljazzjoni);
- iċċarat ċerti aspetti, eż. permezz tal-inkorporazzjoni tal-każistika tal-QĠUE (eż. assimilazzjoni tal-fatti);
- saħħet u ssimplifikat il-proċeduri istituzzjonali (eż. skambju elettroniku ta' data);
- tejbet u aċċellerat ir-rimborż tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa.



Pass ulterjuri lejn il-koordinazzjoni aħjar tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ttiegħed permezz tat-twaqqif [tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol](#) (ELA) f'Ottubru 2019. L-ELA se tiegħu f'idejha l-aspetti operazzjonali tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u se tipprovdi wkoll medjazzjoni, permezz ta' Bord ta' Medjazzjoni ddedikat, f'każijiet ta' tilwim bejn l-awtoritajiet nazzjonali rigward l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

2. Il-karta tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea

Mill-2006, iċ-ċittadini Ewropej li jivvjaġġaw fiż-ŻEE setgħu jużaw il-karta tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-Unjoni Ewropea, maħruġa mis-servizzi tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-pajjiż ta' appartenenza tagħhom. Din il-karta tiffaċilita l-aċċess għall-kura medika fil-każ ta' bżonnijiet tas-saħħa **mhux mistennija** waqt iżjara f'pajjiż ieħor taż-ŻEE għal raġunijiet personali jew professjonali. L-aċċess jingħata bl-istess kundizzjonijiet u bl-istess spiża bħall-persuni assicurati f'dak il-pajjiż. L-ispejjeż jiġu rimborżati mis-sistema tas-sigurtà soċjali domiċiljari.

3. Id-drittijiet tal-pensjoni supplementari

Fis-16 ta' April 2014, wara snin ta' negozjati, ġiet iffirmata [d-Direttiva 2014/50/UE](#) dwar ir-rekwiżiti minimi sabiex tiżied il-mobbiltà tal-ħaddiema minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' titjib fil-ksib u l-preservazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni supplementari. Din tapplika biss għall-iskemi tal-pensjoni tas-suq tax-xogħol u b'hekk la tapplika għall-kontribuzzjonijiet volontarji għal skemi tal-pensjoni individwali u lanqas ma tapplika għall-pensjonijiet tal-istat, li huma koperti bir-regolament dwar il-koordinazzjoni.

4. Il-prospetti ta' riforma

Wara konsultazzjoni speċifika dwar il-koordinazzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad u tal-kura fit-tul fl-2013 u konsultazzjoni ġenerali dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-UE fl-2015, il-Kummissjoni pproponiet [reviżjoni tar-Regolament 883/2004 u tar-Regolament ta' implimentazzjoni 987/2009](#) bħala parti mill-Pakkett dwar il-Mobbiltà tal-ħaddiema tagħha f'Diċembru 2016.

Ir-reviżjoni tipprova tiżgura l-ġustizzja billi torbot aktar mill-qrib il-ħlas tal-benefiċċji mal-Istat Membru li jiġbor il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Din toffri wkoll għodod aħjar biex l-awtoritajiet nazzjonali jivverifikaw l-istatus tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema stazzjonati sabiex jindirizzaw il-prattiki inġusti u l-abbuż. Il-bidliet ewlenin jinkludu:

- Benefiċċji tal-qagħad: se jiġi applikat perjodu ta' kwalifika ta' tliet xhur qabel ma tkun tista' ssir l-aggregazzjoni tal-perjodi ta' assicurazzjoni jew ta' impjeg, iżda l-ħaddiema jistgħu jesportaw il-benefiċċji tal-qgħad tagħhom għal sitt xhur minflok għal tlieta sabiex ifittxu xogħol fi Stat Membru ieħor. Wara li jkun għamlu sena jaħdmu fi Stat Membru, il-ħaddiema transkonfinali jistgħu jitolbu l-benefiċċji tal-qgħad fl-istat fejn jaħdmu minflok fl-istat ta' residenza tagħhom;
- Benefiċċji tal-kura fit-tul: il-proposta tiddefinixxi l-benefiċċji tal-kura fit-tul u l-każijiet meta ċ-ċittadini mobbli jistgħu jitolbu tali benefiċċji f'kapitolu separat;
- Il-benefiċċji tal-familja li huma maħsuba biex jissostitwixxu d-dħul waqt il-perjodi tat-trobbija tat-tfal għandhom jitqiesu bħala drittijiet individwali u personali, u għaldaqstant jippermettu li Stat Membru kompetenti sekondarju jkollu d-dritt



li jħallas il-benefiċċju sħiħ lit-tieni ġenitur. Dan ineħħi d-diżinċentivi finanzjarji potenzjali għall-ġenituri li jkunu jridu jieħdu l-liv tal-familja fl-istess ħin.

Il-proposta għandha wkoll l-għan li tallinja r-regoli ġuridiċi fis-seħħ skont il-ġurisprudenza riċenti tal-QĠUE dwar l-aċċess għall-benefiċċji soċjali għal ċittadini ekonomikament inattivi (2.1.5).

Il-proposta hija s-suġġett ta' negozjati interistituzzjonali li għaddejjin bħalissa.

Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2018 semma proposta għal Numru tas-Sigurtà Soċjali Ewropew (NSSE) biex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni transkonfinali tas-sigurtà soċjali iżda ma ġiet ippreżentata l-ebda proposta speċifika.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament minn dejjem wera interess qawwi fil-problemi tal-ħaddiema migranti, il-ħaddiema transkonfinali, dawk li jaħdmu għal rashom u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu fi Stati Membri oħra li ma jkunux l-Istat Membru li ħallihom jidħlu. F'diversi okkażjonijiet, il-Parlament ikkundanna l-ostakli persistenti għall-implimentazzjoni sħiħa tal-moviment liberu u stieden lill-Kunsill biex jadotta proposti maħsuba biex il-pensjonijiet ta' rtirar bikri jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, biex jestendi d-dritt tal-persuni qiegħda li jirċievu benefiċċju tal-qgħad fi Stat Membru ieħor, u biex iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni sabiex jiġu inklużi l-persuni assigurati kollha. Il-maġġoranza ta' dawn it-talbiet intlaqgħu permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 jew huma inklużi fil-proposti l-aktar reċenti tal-Kummissjoni.

Mit-Trattat ta' Lisbona, bdew japplikaw il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill. Madankollu, Stat Membru jista' jitlob li l-abbozz ta' att leġiżlattiv jiġi riferut lill-Kunsill Ewropew jekk l-Istat Membru jiddikjara li l-att jaffettwa aspetti importanti tas-sistema tas-sigurtà soċjali tiegħu.

F'numru ta' rizzoluzzjonijiet tiegħu ([tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-protezzjoni soċjali għal kulħadd](#), [tal-14 ta' Settembru 2016 dwar id-dumping soċjali](#), u [tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u impjeg prekarju](#), il-Parlament ġibed l-attenzjoni għal diffikultajiet speċifiċi f'dan il-qasam, bħall-każ ta' dawk li jaħdmu għal rashom, il-ħaddiema b'kuntratti temporanji jew part-time, il-ħaddiema fl-ekonomija diġitali u l-ħaddiema staġjonali, u stieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid il-leġiżlazzjoni u tissorvelja l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali sabiex jiġi żgurati li d-drittijiet taċ-ċittadini huma rispettati u li l-mobbiltà tal-ħaddiema fl-UE tista' topera b'mod effiċjenti.

Aoife Kennedy
11/2019

